MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 51/2001/1

**Kummissarju ta’ l-Art**

**vs**

**David Camilleri u Rita Camilleri**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid:

“Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 4 ta’ Settembru 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f’Marsaxlokk tal-kejl ta’ madwar 988 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u min-Nofisnhar ma’ proprjeta’ ta’ L.J. Limited u mill-Punent ma’ proprjeta’ Constellation Trading Limited huwa ta’ erbgha u tletin elf u sitt mitt lira Maltin (Lm34,600) kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&C.E tal-31 ta’

Lulju, 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim;

Illi b'ittra ufficjali datata 28 ta' Settembru, 2001 l-intimati fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' mija u hmsa u sittin elf lira Maltin (Lm165, 000) .

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex titrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

F'ittra ufficcjali mibghuta mill-intimati lir-rikorrenti fit-28 ta' Settebmbru 2001, l-istess intimati kienu infurmaw lid-Direttur tal-Art illi ma kienux disposti jaccettaw il-kumpens lilhom offert ghaliex l-kumpens minnhom pretiz huwa ta' mija hamsa u sittin elf lira maltin (LM165,000) ara fol. 6 tal-process.

Illi l-perit arkiettet tal-intimati minnhom mressaq bhal xhud f'din il-kawza ghamel stima tal-art fil-valur ta' Lm 165,000.00.

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pace u l-Perit AIC Frederick Valention, assenjati biex jassitu li dan il-Bord fuq materja teknik, waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

“.. u li minn kalkoli li ahna ghamilna, konsiderando s-superfici ta’ l-istess art (cirka 988:00 metri kwadri) l-orientazzjoni relattiva taghha, il-prezzijiet relattivi ta’ artijiet simili fl-istess inhawi fi zmien in-Notice to Treat (Settembru 2001), il-valur ta’ kumpens dovut huwa tas-somma ta’ hamsa u tmenin elf mija u ghoxrin liri maltin libera u franka (LM85,120.00) ekwivalenti ghal Euros 198,276.26.

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur.

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala liberu u frank b’titolu ta’ xiri assolut, bicca art f’Marsaxlokk tal-kejl ta’ madwar 988 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u min-Nofisnhar ma’ proprjeta’ ta’ L.J. Limited u mill-Punent ma’ proprjeta’ Constellation Trading Limited liema art hija wahda in parti fabrikabbli u in parti agrikola u dan versu l-kumpens ta’ mija tmienja u disghin elf mitejn sitta u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centemzu (Euros 198,276.26), oltre l-imghax legali spettanti lil-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-1 ta’ Gunu, 2009 fis-2.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------